Minuti tal-Laqgħa Nru. 33 tar-Raba' Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Frar 2007 fit-3.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe Piscopo A.(Mus).L.C.M. |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana |
| | Is-Sur Silvio Schembri |
| | Is-Sinjura Monica Camilleri |
| | Is-Sur Joe Camilleri |
| | Is-Sur Raymond Saliba |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżek. | Is-Sur Michael Borg |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenzi għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. Mistoqsijiet
5. Estimi Finanzjarji 2007/2008
6. Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill 2007/2010
7. Mozzjonijiet
8. Ħlasijiet

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 32 li , peress li ma kienx hemm emendi għalihom, ġew approvati fuq mozzjoni tas-Sur Joe Camilleri ssekondata mis-Sinjura Monica Camilleri.

## 2. RIFERENZI GĦALL-MINUTI

2.1 Riferenza għall-Minuti ma kienx hemm.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku ta resume' tal-korrispondenza li daħlet sat-23 ta' Frar 2007, fosthom :

a) *e-mail* mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar il-progress li sar fit-taħdidiet li kellha mal-Korporazzjoni Enemalta fuq id-devoluzzjoni tal-lampi ta' l-elettriku li hemm ma' l-arbli.
*b)* ittra mid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, is-Sur Natalino Attard dwar l-investigazzjoni li saret fuq xogħol ta' *resurfacing* li twettaq fi tliet toroq ġewwa Ħal Farruġ. L-ittra tenfasiżża "*li qabel ma tiġi attivata xi deċiżjoni din għandha jkollha l-approvazzjoni tal-Kunsill minn qabel, u f'dak li jirrigwarda finanzi, is-Segretarju Eżekuttiv għandu dejjem ikun involut".*
c) ittra mill-Iskola 'Margaret Mortimer" ta' Santa Luċia dwar l-*Annual Yearbook* ta' l-Iskola li se jiġi ppubblikat f'Mejju li ġej.
d) Memo 4/2007 li jgħarraf li ċ-ċerimonja tal-Ġurament tal-Ħatra tal-Kunsillieri Eletti fl-elezzjonijiet tas-Sibt, 10 ta' Marzu 2007 se ssir il-Ħamis, 15 ta' Marzu 2007.

- Ġiet ukoll innotata l-korrispondenza li daħlet mill-MEPA.

## 4. MISTOQSIJIET

4.1 Is-Sur Joe Camilleri staqsa jekk l-ilma tax-xita li jaqa' fi Triq il-Karmnu kienx se jintefa' fil-ġibjun li hemm fl-istess triq. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv. Żied igħid li se jingħata pendil tul l-ewwel ħmistax-il metru ta' Sqaq Nru. 4.

4.2 Is-Sur Camilleri staqsa wkoll x'se jiġri minn Triq Sir Ugo Mifsud fejn ix-xogħol bit-tarmac li sar mill-Kuntrattur diġa qiegħed jinqala'. Is-Sindku wieġeb li l-Kuntrattur Polidano Group aċċetta li din terġa ssir.

4.3 Is-Sur Victor Caruana staqsa x'kontijiet kien fadal pendenti ma' Asfaltar Ltd. Is-Sindku wieġeb li fadal ta' Triq il-Parroċċa, dak ta' Triq Ġorġ Zahra, u ta' Alley 4 fi Triq il-Karmnu.

LUQA

4.4 Is-Sur Victor Caruana staqsa wkoll jekk il-paga għax-xahar ta' Jannar 2007 li ħadet l-Iskrivana Ingrid Borg kienx jinkludi żieda li ma kinetx awtorizzata mill-Kunsill.

4.4.i. Wara li ngħata l-permess tas-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li kien hemm żieda ġustifikata mill-qbil unanimu tal-Kunsillieri kollha, inkluż tas-Sur Caruana stess, li lkoll qablu fil-prinċipju li kienu se jikkonfermaw fil-laqgħa ta' wara. Barra minn hekk il-ħlas affettwat kien jidher fis-*Schedule of Payments*, li ġiet unanimament approvata (anke mis-Sur Caruana stess) wara li s-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li s-salarju ta' Ingrid Borg kien jirrifletti żjieda fuq point 5 ta' Skala 13.

- Wara li talab u ngħata l-permess tas-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Ħadd, 4 ta' Marzu għandu jasal l-ewwel grupp ta' studenti minn Fiumicino mill-Iskola Paolo Baffi taħt il-programm "Leonardo Da Vinci". Dawn se jagħmlu li *stage* tagħhom f'Lukandi Maltin bil-għajnuna ta' l-Institiute of Tourisim ta' Malta. Dawn se jibqgħu sal-31 ta' Marzu 2007.

- Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar ukoll li l-Laqgħa Annwali tal-Lokalita' se ssir nhar l-Erbgħa, 28 ta' Frar 2007 fis-6.00 p.m. fis-Sala Komunitarja.

## 5. ESTIMI FINANZJARJI 2007/2008

5.1 Fl-introduzzjoni tiegħu għal dan l-*item* is-Sindku qal li kopja ta' dawn l-Estimi kienet intbagħtet sa minn żmien qabel lill-Kunsillieri kollha. Għalhekk huwa talab għal kummenti u/jew mistoqsijiet fuq l-Estimi.

5.2 Wara diskussjoni, is-Sindku ressaq l-Estimi għall-approvazzjoni. Dawn ġew approvati sitta (6) favur u wieħed kontra li kien s-Sur Victor Caruana li sostna li kien kontra minħabba ż-żjieda li ngħatat f'Jannar lis-Sinjorina Ingrid Borg.

5.3 B'rejazzjoni għal dan il-vot, is-Sindku John Schembri qal li s-Sur Victor Caruana ġab raġuni fjakka u bla sustanza biex taparsi jiġġustifika l-vot li ta. Veru li għandu kull dritt jivvota kif irid, imma għal lanqas iġib raġunijiet sodi u mhux jivvota kontra l-Estimi minħabba żjieda ta' impjegata li m'għandha x'taqsam xejn.

## 6. PJAN TA' ĦIDMA TAL-KUNSILL 2007/2010

6.1 Is-Sindku qal li dan ir-rapport bħal dak ta' qabel ntbagħat lil kulħadd u għalhekk għandu jittieħed bħala moqri. Huwa stieden lil-Kunsillieri jagħmlu l-kumment u l-mistoqsijiet tagħhom.

6.2 Fi tmiem id-diskussoni li qamet is-Sindku ressaq il-Pjan ta' Ħidma 2007/2010 għall-approvazzjoni. Il-Pjan ta' Ħidma ġie approvat b'sitt (6) voti favur u wieħed (1) kontra li kien is-Sur Victor Caruana. Huwa sostna li kien qed jivvota kontra minħabba ż-żjieda fis-salarju li ngħata f'Jannar 2007 is-Sinjorina Ingrid Borg.

## 7. MOZZJONIJIET

7.1 Mozzjoni mressqa mis-Sur Silvio Schembri u ssekondata mis-Sur Joe Camilleri kienet tgħid li: **l-Kunsill japprova li s-Sinjorina Ingrid Borg, impjegata bħala Skrivana mal-Kunsill u li preżentament qegħda fuq il-massimu ta' Skala 15, titla' għal Point 5 ta' Skala 13.**

7.1.i Qabel ma din il-mozzjoni tressqet għad-diskusjsoni, il-movent tal-mozzjoni talab għas-sospensjoni tar-regolamenti sabiex jagħmel emenda għal din il-mozzjoni. Wara li ngħata l-permess, is-Sur Silvio Schembri ssekondat mis-Sur Joe Camilleri ressaq emenda biex wara l-kliem "Skala 13" jiżdied il-kliem "b'effett mill-1 ta' Jannar 2007".

7.1.ii Is-Sur Silvio Schembri qal li fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill il-Kunsillieri kollha (inkluż is-Sur Caruana) qablu li għandhom japprovaw ir-rakkomandazzjoni li kien għamel is-Segretarju Eżekuttiv. U għalhekk jemmen li din ir-rakkomandazzjoni tkun retroattiva mill-1 ta' Jannar 2007.

7.1.iii Meta s-Sindku ressaq il-mozzjoni għall-voti, kif emendata, din ġiet approvata b'sitt (6) voti kontra wieħed (1). Is-Sur Victor Caruana vvota kontra għax ma kienx jaqbel ma' kif is-Sinjorina Ingrid Borg ingħatat ż-żjieda f'Jannar 2007 minkejja li hu stess kien qabel ħafna mar-rakkomandazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv.

7.2 Is-Sur Joe Camilleri qal li xtaq iressaq mozzjoni li tgħid: **illi l-Kunsill japprova l-għoti tal-Performance Bonus lill-istaff tal-Kunsill. Din il-mozzjoni ġiet issekondata mis-Sur Victor Caruana.**

7.2.i Wara li s-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-*Appraisal Report* tiegħu fuq l-impjegati tal-Kunsill, u wara li s-Sindku ressaq l-*Appraisal Report* tiegħu fuq is-Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsill unanimament approva li l-impjegati tal-Kunsill jingħataw l-full *Performance Bonus*.

## 8. ĦLASIJIET

8.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sat-23 ta' Frar 2007 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

8.2 Madankollu s-Sur Victor Caruana vvota kontra l-pagamenti kollha li saru, inklużi l-pagi tal-ħaddiema, mingħajr ma ddiskuta jew ressaq raġunijiet validi biex jissostanzja l-vot negattiv tiegħu kif ġie mitlub li jagħmel mis-Sindku.

LUQA

- Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, fis-4.30 p.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa bħala magħluqa.

Konfermati llum 27 ta' Marzu 2007.

| | |
|---|---|
| John Schembri<br>Sindku | Michael Borg<br>Segretarju Eżekuttiv |